# Dun Spir Penza

Kitba tal-Kan. Jos. Bonello

1) **Fundatur tad-Domus "Sagra Familja"**
2) **Kanonku ta' Bormla u Monsinjur Kamrier Sigriet tal-Papa**
3) **Delegat ta' l-Isqof biex Birżebbuġa ssir Parroċċa**
4) **Prokuratur tal-Knisja ta' San Pawl f'Bormla**

Fost il-qassisin Bormliżi li ħadmu bis-sħiħ fil-qasam soċjali, edukattiv u reliġjuż, jissemma **Dun Spir Penza,** saċerdot ta' l-affari tiegħu, u ta' spiritwalità profonda li ħadem kemm felaħ qalb it-tfal u ż-żgħażagħ biex ikomplu jitgħallmu d-duttrina u jieħdu formazzjoni nisranija. Kien il-fundatur tad-**Domus "Sagra Familja"** u kien ukoll is-saċerdot delegat mill-Isqof ta' Malta biex Birżebbuġa ssir parroċċa.



*Mons. Spiridione Penza*
*1860 - 1924*

## Min kien?

Mons. Spiridione Penza twieled Bormla **fit-18 ta' Novembru 1860.** Il-ġenituri tiegħu kienu M'Angelo Penza u Anġolina Muscat. Ordna qassis f'Ruma fis-**17 ta' Novembru 1881**. Meta kien żagħżugħ ħadem fost il-Bormliżi. Kien jagħmel sigħat twar iqarar. Kien Prokuratur tal-**Cassa SS. Viatico** meta ta kontribut kbir f'ħafna opri artistiċi li saru fil-Kolleġġjata ta' Bormla. Ta' min isemmi l-Ventartal tal-Maġġur u d-dekorazzjoni tal-Kappella tas-Sagrament, is-Salib tal-Via Sagra u affarijiet oħra. Kellu għal qalbu ħafna l-knisja ta' San Pawl, fejn waqqaf il-kongregazzjoni tal-**Figlie di Maria** u kien jorganizza bl-ikbar serjetà funzjonijiet fil-Ġimgħa l-Kbira bis-Sepulkru b'kollox. Wara l-quddiesa tiegħu fl-istess knisja, kien idum iqarar ħafna.

Barra li kien **Kanonku ta' Bormla**, fil-**15 ta' Ottubru 1915**, wara rakkomandazzjoni

ta' l-Isqof Portelli, sar **Monsinjur Kamrier Sigriet tal-Papa,** bħala rikonoxximent għall-ħidma tiegħu. Miet ta' 63 sena fid-dar fejn kien joqgħod nru. 165, Strada S. Michele, Bormla, nhar il-15 ta' April 1924 u ġie midfun fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata, fil-qabar tal-familja.

## Fundatur tad-Domus "Sagra Familja"

L-għan ewlieni ta' dan id-Domus kien li jiġbor fih fil-ħinijiet liberi, tfal u tfajliet, mhux biss biex jirċievu l-edukazzjoni nisranija u jżommuhom okkupati, imma wkoll biex jitgħallmu jħitu, jsajru, jirrakkmaw u affarijiet oħra tant meħtieġa. F'ċentru populat fil-qalba tal-ħaddiema tat-Tarzna bħal ma hija Bormla, il-ħsieb ta' Dun Spir kien veru barka ta' Alla.

Dun Spir irnexxielu jsib grupp ta' nisa li minn rajhom offrew ruħhom li jgħallmu b'xejn lil dawn it-tfal u tfajliet. Fl-1921 f'dan id-Domus kienu diġà jattendu mal-250 ruħ, bejn tfal, ħaddiema tfajliet, studenti u apprendisti. **Id-Domus twaqqaf Kononikament fl-1914,** u t-tberik u l-ftuħ uffiċjali sar mill-**Isqof Portelli,** li fid-diskors tiegħu fakkar ħafna l-inizjattiva ta' Dun Spir, u fisser is-siwi morali u materjali ta' din l-opra tant meħtieġa għal dawk in-naħiet tal-Kottonera. Dak iż-żmien Bormla kellha popolazzjoni ta' xi 20,000 ruħ u kienet tinħass sewwa l-ħtieġa li jkun hawn post biex titwettaq ħidma hekk importanti fost il-poplu.

## Is-Salesjani u d-Domus

Waħda mill-ewwel sorijiet Salesjani kienet **Sr. Rożina Felice,** Bormliża u t-tieni soru Maltija li daħlet mas-Salesjani. Fl-1919 ġiet iżżur il-familja tagħha f'Bormla u ltaqgħet ma' Dun Spir u rat ukoll id-Domus. Mill-ewwel Mons. Penza wera x-xewqa li jgħaqqad



*It-tfal tad-Domus 'Sagra Familja' fl-okkażjoni ta' l-ewwel tqarbina qabel il-gwerra.*

jew li jafda d-Domus f'idejn is-Salesjani, tant li l-ewwel membri ta' dan id-Domus kienu lesti li jieħdu l-libsa tas-Salesjani.

**L-Arċisqof Dom Mauro Caruana** kien "jaf sewwa" bil-korrispondenza li kienet għaddejja bejn id-Domus u s-Salesjani. Iżda għal xi raġuni jew oħra, ix-xewqat ta' din l-għaqda mas-Salesjani ma kellhiex isseħħ, imma xorta waħda Dun Spir u l-membri komplew bil-ħidma għall-ġid tat-tfal u t-tfajliet ta' Bormla. L-ewwel Superjura kienet **Vincenza Said**, u meta miet Mons. Spir Penza, floku daħal **Mons. Antonio Galea.**

## Fil-gwerra ta' l-1939-1945

Id-Domus fl-aħħar gwerra ġie milqut u ġġarraf, u meta reġa' nbena żidulu sala rikreattiva. Imma wara l-gwerra fetħu dar fi Triq il-Gendus (Strada Toro) li llum inbidlet **f'Dar u Uffiċċju Parrokkjali**. Is-Superjura kienet **Rosina Falzon** u Direttur sar **Dun Edgar Huntingford**. Wara li d-dar fi Triq San Mikiel reġgħet inbniet u nfetħet madwar l-1963, u kompliet tagħti s-servizz tagħha, saret post għat-tagħlim tad-duttrina għat-tfal u kienet issir quddiesa kull jum. B'inizjattiva ta' l-**Arċipriet il-Kan. Dun Joe Mifsud**, id-Domus illum qiegħed jiġi restawrat u hemm il-ħsieb li jsir Kumpless Parrokkjali għall-ġid tat-tfal u ż-żgħażagħ tagħna. J'Alla dak li beda Penza nkompluh aħna.

## Dun Spir u Birżebbuġa

**Birżebbuġa saret parroċċa fis-16 ta' Settembru 1913**, meta f'din iż-żona kien hemm ftit inqas minn 1,000 ruħ. Birżebbuġa kienet għadha raħal żgħir u post ta' villeġġjatura. Żgur li l-bidu ta' din il-parroċċa huwa dovut għall-ħeġġa u l-ħidma li ma naqsu qatt tal-Kanonku Penza, li f'dan iż-żmien kellu d-dar tiegħu tas-sajf eżatt quddiem fejn illum hemm il-knisja tad-Duluri. L-isqof ta' Malta kien għażlu biex jieħu ħsieb it-twaqqif ta' din il-parroċċa, bħala Delegat tiegħu.

Dun Spir stinka u ħadem ħafna biex Birżebbuġa ssir parroċċa, tant li fit-13 ta' Lulju 1907 talab lill-**Isqof Pietru Pace** biex jagħtih il-kunsens tiegħu biex ikun jista' jibni kappella fuq biċċa art tal-**Baruni Montaldo** li kienet f'Żurrieq Road; quddiem il-kappella żgħira tas-Sagra Familja. Meta mbagħad dan il-proġett ma sarx, Dun Spir reġa' talab lill-Isqof biex jibni kappella proviżorja dedikata **lid-Duluri**.

**Din il-kappella kellha tkun l-ewwel knisja parrokkjali ta' Birżebbuġa**, fejn Dun Spir għamel ħafna xogħol pastorali, sakemm saret parroċċa fis-16 ta' Settembru 1913, meta **l-ewwel Kappillan, il-Bormliż Dun Karm Bugelli**, beda l-ħidma pastorali tiegħu. Il-pussess ta' l-ewwel Kappillan sar fil-knisja tad-Duluri, li dak iż-żmien kienet il-patruna titulari ta' Birżebbuġa. Dun Karm Bugelli temm ħidmietu bħala Kappillan fit-18 ta' Marzu 1921. It-tieni Kappillan kien **Dun Anġ Fenech** li stinka u ħadem ħafna biex tinbena l-knisja l-ġdida dedikata lil **San Pietru fil-Ktajjen.**

## Għeluq

Ma għandna l-ebda tifkira ta' Dun Spir Penza. Is-soltu tagħna! Imma t-tifkiriet tiegħu huma **d-Domus "Sagra Familja" ta' Bormla** u **l-knisja antika tad-Duluri f'Birżebbuġa** li kienet l-ewwel knisja parrokkjali ta' dak il-post, u li llum hija ċ-ċentru tal-M.U.S.E.U.M. għas-subien ta' din il-parroċċa. Nittama li xi triq f'Bormla jew f'Birżebbuġa tissemma għal dan is-saċerdot li tant ħadem għall-ġid tal-poplu fost dawk li huma fqar u fil-bżonn.